31990D0216

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' April 1990

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fuq is-simplifikazzjoni ta' spezzjonijiet u formalitajiiet dwar it-trasport ta' merkanzija

(90/216/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tieghu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fuq is-simplifikazzjoni ta' spezzjonijiet u formalitajiet dwar it-trasport ta' merkanzija għandha tagħmilha possibbli biex titjieb iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku mill-fruntieri bejn il-partijiet kontraenti; billi huwa għalhekk opportun li dak il-Ftehim jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fuq is-simplifikazzjoni ta' spezzjonijiet u formalitajiet dwar it-trasport tal-merkanzija huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Komunità għandha tiġi rappreżentata fil-kumitat konġunt provdut fl-Artikolu 15 tal-Ftehim mill-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jwettaq l-avviż provdut fl-Artikolu 22 tal-Ftehim.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-23 ta' April 1990.

F'isem il-Kunsill

Il-President

A. REYNOLDS